A.L. 243 ta' l- 2008

ATT DWAR IR-RIFUĠJATI (KAP. 420)

Regolamenti ta’ l-2008 dwar l-Istandards ta’ Proċedura fl-Eżami ta’ l-Applikazzjonijiet għal Status ta' Rifuġjat

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 25(h) ta’ l-Att dwar ir-Rifuġjati, il-Ministru responsabbli għall-immigrazzjoni għamel ir-regolamenti li ġejjin:-

1. It-titolu ta' dawn ir-regolamenti huwa Regolamenti ta’ l-2008 dwar l-Istandards ta’ Proċedura fl-Eżami ta’ l-Applikazzjonijiet għal Status ta' Rifuġjat. Titolu.

2. Dawn ir-regolamenti jittrasponu d-disposizzjonijiet tad-Direttiva tal-Kunsill 2004/83/KE tad-29 ta' April 2004 dwar livelli stabbiliti minimi għall-kwalifika u l-istat ta' ċittadini nazzjonali ta' pajjiżi terzi jew persuni mingħajr stat bħala refuġjati jew bħala persuni li nkella jeħtieġu protezzjoni internazzjonali u l-kontenut tal-protezzjoni mogħtija u d-Direttiva tal-Kunsill 2005/85/KE ta' l- 1 ta' Diċembru 2005 dwar standards minimi għal proċeduri fl-Istati Membri għall-għoti u l-irtirar ta' l-istatus ta' rifuġjat. Għan.

3. F'dawn ir-regolamenti, kemm-il darba r-rabta tal-kliem ma tkunx teħtieġ xort'oħra: Tifsir.

“Att” tfisser l-Att dwar ir-Rifuġjati; Kap. 420.

“applikant” tfisser l-applikant għal asil;

“awtoritajiet kompetenti” tfisser il-Kummissarju għar-Rifuġjati jew ir-rappreżentanti tiegħu;

"Konvenzjoni" tfisser il-Konvenzjoni ta’ l-1951 dwar l-Istatus ta’ Rifuġjati magħmula f’Ġinevra fit-28 ta’ Lulju, 1951, li Malta aderiet għaliha fis-17 ta’ Ġunju, 1971, u l-Protokoll ta’ l-1967 dwar l-Istatus ta’ Rifuġjati tal-31 ta’ Jannar, 1967 li Malta aderiet għalih fil-15 ta’ Settembru, 1971, bla ħsara għad-dikjarazzjonijiet u rriservi magħmulin minn Malta;

“protezzjoni internazzjonali” tfisser status ta' rifuġjat jew protezzjoni sussidjarja;

“persuni vulnerabbli” jinkludu nisa tqal, persuni b'diżabilità', persuni li ikunu ġarrbu tortura, stupru jew forom oħra serji ta' vjolenza psikoloġika, fiżika jew sesswali, jew minuri li kienu vittmi

ta' kull xorta ta' abbuż, nuqqas, sfruttament, tortura, trattament krudili, inuman jew degradanti jew li ikunu batew fil-konflitti bl-armi.

Applikazzjoni għal status ta' rifuġjat.

4. (1) Persuna li tkun tixtieq tagħmel applikazzjoni għal asil għandha tagħmel applikazzjoni lill-Kummissarju fil-formola preskritta li, safejn possibbli, għandha tkun f'ilsien li l-applikant jifhem.

(2) L-applikant għandu jiġi:

(a) mgħarraf:

(i) bl-lingwa li huwa raġonevolment mistenni li jifhem bil-proċedura li għandha titħares u bid-drittijiet u dmirijiet tiegħu matul il-proċedura;

(ii) bil-konsegwenzi possibbli f'każ li ma josservax id-dmirijiet tiegħu u ma jikkoperax mal-awtoritajiet;

(iii) bil-perjodu ta' żmien kif ukoll bil-mezzi għad-disposizzjoni tiegħu sabiex jaqdi d-dmir li jagħti l-aspetti meħtieġa;

(iv) bid-dritt tiegħu li jikkonsulta mal-Kummissarju Għoli u li jkollu assistenza legali matul l-istadji kollha tal-proċedura ta' l-asil:

Iżda dan it-tagħrif għandu jingħata fiż-żmien sabiex l-applikant ikun jista' jeżerċita d-drittijiet garantiti u sabiex josserva l-obbligi preskritti bil-liġi;

(b) mogħti parir dwar kif u fejn jista' jagħmel dik l-applikazzjoni kif ukoll l-għajnuna, fejn meħtieġ, fil-presentazzjoni ta' l-applikazzjoni lill-Kummissarju;

(ċ) mogħti s-servizzi ta' interpretu għas-sottomissjoni tal-każ tiegħu lill-awtoritajiet kompetenti kull meta meħtieġ;

(d) jingħata avviż, fi żmien raġonevoli, tad-deċiżjoni dwar l-applikazzjoni tiegħu għall-asil u dak l-avviż għandu jiġi notifikat lill-applikant jew lill-konsulent legali tiegħu;

(e) jiġi mgħarraf bir-riżultat tad-deċiżjoni, bl-lingwa li huwa raġonevolment mistenni li jifhem, meta ma jkunx assistit jew rappreżentat minn konsulent legali u meta ma tkunx disponibbli l-assistenza legali mingħajr ħlas.

(3) Applikant għall-asil għandu jippreżenta l-applikazzjoni tiegħu f'ismu propju, u skond il-każ, f'dak tad-dipendenti tiegħu.

(4) Applikazzjoni ma tkunx valida sakemm ma tkunx magħmula fi żmien sittin jum minn meta l-applikant jasal Malta:

Iżda l-applikazzjoni tista' tiġi milqugħa mill-Kummissarju, għal raġunijiet speċjali u straordinarji, wara li jgħaddu is-sittin jum.

Eżami ta’ l-applikazzjoni u l-intervista.

5. (1) Il-Kummissarju jista', minn żmien għal żmien, jistabilixxi r-regoli u linji gwida applikabbli sabiex ikun hemm deċiżjoni fuq l-applikazzjoni.

(2) Il-Kummissarju għandu jeżamina l-applikazzjoni kemm jista' jkun malajr u għandu jagħmel ħiltu biex jiġbor it-tagħrif kollu relevanti li jagħmilha possibbli għalih biex jagħmel rakkomandazzjoni u jieħu kunsiderazzjoni tal-koperazzjoni ta’ l-applikant fil-proċeduri fil-valutazzjoni tal-kredibilità ta’ l-allegazzjonijiet ta’ applikant.

(3) L-applikant għandu jiġi intervistat, fejn meħtieġ, bl-għajnuna ta’ interpretu u x-xiehda kollha tinżamm mill-Kummissarju jew mir-rappreżentant tiegħu sakemm ikun meħtieġ.

(4) Konsulent legali għandu jitħalla jgħin lill-applikant skond il-proċeduri stabbiliti mill-Kummissarju u, meta jkun hemm jedd għaliha, għajnuna legali mingħajr ħlas għandha tingħata lill-applikant.

(5) L-intervista personali imsemmija fis-subregolament (3) tista' titħalla barra meta:

(a) il-Kummissarju ikun jista' jagħmel rakkomandazzjoni pożittiva fuq bażi tax-xiehda disponibbli; jew

(b) il-Kummissarju ikun diġà kellu laqgħa ma’ l-applikant bil-għan li jgħinu biex jimla l-applikazzjoni tiegħu u biex jissottomentti t-tagħrif essenzjali f'dak li għandu x'jaqsam ma’ l-applikazzjoni; jew

(ċ) il-Kummissarju, fuq bażi ta’ eżami tat-tagħrif provdut, iqies l-applikazzjoni infondata meta:

(i) l-applikant, fis-sottomissjoni ta’ l-applikazzjoni tiegħu u fil-preżentazzjoni tal-fatti, ikun qajjem biss kwistjonijiet li ma humiex relevanti jew ta' relevanza minima għall-eżami dwar jekk jikkwalifikax

bħala rifuġjat; jew

(ii) l-applikazzjoni għall-asil titqies infondata minħabba l-kunċett ta' pajjiż sigur ta' oriġini jew pajjiż terz sigur; jew

(iii) l-applikant ikun għamel sottomissjonijiet inkonsistenti, kontradittorji, inverosimili jew mhux biżżejjed li b'mod ċar ikunu ssottomettew l-applikazzjoni tiegħu mhux konvinċenti fir-rigward li huwa kien sofra persekuzzjoni; jew

(iv) il-persuna tkun ssottomettiet applikazzjoni sussegwenti li ma tqajjem ebda aspetti ġodda relevanti fir-rigward taċ-ċirkostanzi partikolari tiegħu jew tal-qagħda fil-pajjiż tiegħu ta' oriġini; jew

(v) meta l-applikant ikun qed jissottometti applikazzjoni sempliċement sabiex itawwal jew ifixkel l-infurzar ta' deċiżjoni imminenti jew ta' qabel li kieku kienet twassal għat-tneħħija tiegħu; jew

(d) meta ma jkunx raġonevolment prattikabbli, b'mod partikolari, meta l-Kummissarju jkun tal-fehma li l-applikant mhux kapaċi jew ma jistax jiġi intervistat minħabba ċirkostanzi li ssoktaw mhux fil-kontroll tiegħu; b'dan, li meta ikollu dubju, il-Kummissarju jista' jitlob għal ċertifikat mediku jew psikoloġiku.

(6) Mingħajr ħsara għad-disposizzjonijiet tar-regolament 14, il-Kummissarju, meta jiddeċiedi dwar l-applikazzjoni għall-asil, jista' jikkunsidra l-fatt li l-applikant naqas milli jidher għall-intervista personali sakemm ma kellux raġuni valida għal dak in-nuqqas.

(7) Intervista personali tista' ssir mingħajr il-presenza tal-membri tal-familja sakemm il-Kummissarju ma jqiesx neċessarju għal eżami xieraq li membri oħra tal-familja jkunu preżenti:

Iżda intervista personali tgħandha ssir f'kondizzjonijiet li jiżguraw kunfidenzjalità xierqa.

(8) Intervista personali titwettaq f'kondizzjonijiet li jħallu lill-applikant jissottometti r-raġunijiet għall-applikazzjoni tiegħu b'mod komprensiv u għandha:

(a) tiżgura li min qed imexxi l-intervista huwa kompetenti biżżejjed sabiex jikkunsidra ċ-ċirkostanzi personali jew ġenerali li għandhom x'jaqsmu ma' l-applikazzjoni inkluż l-

oriġini kulturali ta’ l-applikant jew il-vulnerabbiltà tiegħu, safejn huwa possibbli li hekk isir; u

(b) tiżgura l-presenza ta’ interpretu li kapaċi joħloq kuntatt xieraq bejn l-applikant u min ikun qed imexxi l-intervista, iżda l-kuntatt mhux neċessarjament li jseħħ fl-ilsien ippreferut mill-applikant jekk ikun hemm ilsien ieħor li raġonevolment huwa mistenni li jifhem u jikkomunika bih.

Rapport bil-miktub.

6. (1) Il-Kummissarju għandu jiżgura li jsir rapport bil-miktub ta' kull intervista personali li jkollu ta’ l-anqas it-tagħrif essenzjali dwar l-applikazzjoni kif magħmula mill-applikant.

(2) Applikant għandu jkollu, fuq talba tiegħu, aċċess fi żmien xieraq għar-rapport ta’ l-intervista personali li jagħmilha possibbli li jsir appell u li jiġi ppreżentat fiż-żmien dovut.

Assistenza legali.

7. (1) Applikant jitħalla jikkonsulta, bl-ispejjeż tiegħu, b'mod effettiv, ma’ konsulent legali fir-rigward ta’ l-applikazzjoni tiegħu għall-asil:

Iżda f’każ ta' deċiżjoni negattiva, tingħata għajnuna legali b'xejn taħt l-istess kondizzjonijiet li japplikaw għaċ-ċittadini Maltin.

(2) Konsulent legali li jassisti applikant wara deċiżjoni ikun intitolat għall-aċċess għal dak it-tagħrif fil-fajl ta’ l-applikant li jista' jiġi eżaminat mill-Bord ta' l-Appelli dwar ir-Rifuġjati safejn it-tagħrif ikun relevanti għall-eżami ta’ l-applikazzjoni:

Iżda meta l-kxif ta' dak it-tagħrif jista' jipperikola s-sigurtà nazzjonali, is-sigurtà tal-għaqdiet jew persuni li jagħtu t-tagħrif jew is-sigurtà tal-persuni li għalihom jirreferi dak it-tagħrif, jew meta l-interessi ta’ l-istħarriġ marbuta ma’ l-eżami tat-talbiet għall-asil mill-Kummissarju jew ir-relazzjonijiet internazzjonai ta' Malta jistgħu isofru preġudizzju, ma jitħallix isir dak l-aċċess.

(3) Il-konsulent legali li jassisti applikant għal asil ikollu aċċess għall-inħawi magħluqa bħal ma huma l-faċilitajiet ta' detenzjoni u żoni ta' tranżitu bil-għan li jikkonsulta ma’ l-applikant, bla ħsara għal dawk il-limitazzjonijiet meħtieġa għas-sigurtà, l-ordni pubbliku jew tmexxija amministrattiva ta’ l-inħawi.

(4) Il-Kummissarju jista' jaħseb sabiex l-applikant jitħalla jġib miegħu konsulent legali fl-intervista personali:

Iżda n-nuqqas ta' konsulent legali ma jżommx lill-Kummissarju milli jmexxi jew jissokta bl-intervista personali ma’ l-applikant.

Limitu ta' żmien għad-deċiżjoni.

8. Il-Kummissarju għandu jiżgura li, meta rakkomandazzjoni ma tistax issir fi żmien sitt xhur, l-applikant in kwistjoni għandu jew:

(a) jiġi infurmat bid-dewmien; jew

(b) jirċevi, fuq talba tiegħu, tagħrif dwar il-perjodu ta' żmien li fih id-deċiżjoni dwar l-applikazzjoni tiegħu mistennija tingħata:

Iżda dak it-tagħrif m'għandux jikkostitwixxi dmir fuq il-Kummissarju lejn l-applikant in kwistjoni sabiex jieħu deċiżjoni f'dak il-perjodu ta' żmien.

Deċiżjoni tingħata bil-miktub.

9. (1) Id-deċiżjoni dwar l-eliġibilità għall-istatus ta' rifuġjat jew status ta' protezzjoni sussidjarja tingħata bil-miktub.

(2) Id-deċiżjoni imsemmija fis-subregolament (1) għandha tindika bil-miktub ir-raġunijiet fil-fatt u fid-dritt għaċ-ċaħda ta' l-applikazzjoni u għandha tinkludi t-tagħrif għall-applikant dwar il-dritt tiegħu li jikkontesta d-deċiżjoni skond ir-regolament 7.

Kunfidenzjalità.

10. (1) It-tagħrif kollu dwar it-talbiet għall-istatus ta' rifuġjat jibqa' kunfidenzjali ħlief li r-rapport ta' l-intervista personali, wara ir-rakkomandazzjoni mill-Kummissarju, ikun aċċessibbli għall-applikant għall-asil u għall-Ministru.

(2) L-ebda tagħrif ma dwar applikazzjoni ma għandu, taħt ebda ċirkostanzi, jiġi żvelat lill-awtoritajiet tal-pajjiż ta' oriġini ta' l-applikant lanqas ma għandu ebda tagħrif jintalab minn dawk l-awtoritajiet f'dak li għandu x'jaqsam ma' l-applikant.

Tagħrif marbut ma' l-istatus.

11. Persuna rikonoxxuta bħala li jeħtieġielha l-protezzjoni internazzjonali għandha, kemm jista' ikun malajr wara li tkun ingħatat l-istatus rispettiv ta' rifuġjat jew l-istatus ta' protezzjoni sussidjarja, jkollha aċċess għal tagħrif dwar id-drittijiet u dmirijiet marbuta ma' dak l-istatus f'ilsien li x'aktarx tiftiehem minnhom.

Trattament ta' l-applikanti għall-asil.

12. (1) Minkejja d-disposizzjonijiet ta' xi liġi oħra kuntrarja, u minbarra fejn applikazzjoni sussegwenti mhux sejra tiġi aktar eżaminata, jew meta applikant sejjer jintradd lura jew jiġi estradit kif xieraq lejn Stat Membru ieħor in segwitu għall-obbligi skond Mandat Ewropew ta' Arrest jew xorta' oħra, jew lejn pajjiż terz jew lejn qrati jew tribunali kriminali internazzjonali, applikant ma għandux jitneħħa minn Malta qabel ma l-applikazzjoni tiegħu tiġi finalment deċiża u dak l-applikant għandu jitħalla jidħol jew jibqa' Malta sakemm tingħata deċiżjoni finali dwar l-applikazzjkoni tiegħu.

(2) Applikant għall-asil għandu –

(a) ma jfittix li jimpjega ruħu jew jagħmel negozju jekk mhux bil-kunsens tal-Ministru;

(b) sakemm ma ikunx taħt kustodja, jirrisjedi u jibqa' fil-postijiet li jistgħu jiġu indikati mill-Ministru;

(c) jirraporta fi żmenijiet speċifikati lill-awtoritajiet ta’ l-immigrazzjoni skond kif jista' jindika l-Ministru;

(d) jikkonsenja d-dokumenti kollha fil-pussess tiegħu;

(e) ikun soġġett għal tfittxija u d-dikjarazzjonijiet bil-fomm tiegħu jistgħu jiġu reġistrati sakemm qabel l-applikant jiġi mgħarraf b'dak;

(f) jittieħdulu ritratti u jittieħdu l-impronti diġitali tiegħu:

Iżda jekk xi applikant bħal dak ikun kiser xi waħda mid-disposizzjonijiet tal-paragrafi (a), (b) jew (ċ) ikun ħati ta' reat u jista' jeħel, meta jinsab ħati, priġunerija ta' mhux aktar minn sitt xhur.

13. (1) Meta applikant jirtira b'mod ċar l-applikazzjoni tiegħu, il-Kummissarju għandu jiddeċiedi jekk iwaqqafx l-eżami jew jiċħadx l-applikazzjoni. Meta l-applikazzjoni tiġi rtirata.

(2) Meta applikant ikun ta x'jifhem li rtira l-applikazzjoni tiegħu, il-Kummissarju għandu jiżgura li tittieħed deċiżjoni jew li l-eżami ma jissoktax inkella li l-applikazzjoni tiġi miċħuda għar-raġuni li l-applikant ma jkunx ipprova li huwa intitolat għall-istatus ta' rifuġjat:

Iżda l-Kummissarju jista' jassumi li l-applikant ikun ta x'jifhem li rtira l-applikazzjoni tiegħu għal asil meta ikun instab li:

(a) ma jkunx aċċetta n-notifika ta' xi dokument marbut mal-proċedura ta’ l-asil; jew

(b) ikun naqas li jagħti tagħrif essenzjali dwar il-applikazzjoni tiegħu jew ma jkunx resaq għal intervista personali sakemm l-applikant ma jurix, fi żmien raġonevoli, li n-nuqqas tiegħu kien minħabba ċirkostanzi mhux fil-kontroll tiegħu; jew

(ċ) ikun inħeba jew telaq mingħajr awtorizzazzjoni mill-post fejn kien jgħix jew kien miżmum, mingħajr ma għamel kuntatt ma' l-awtoritajiet kompetenti fi żmien raġonevoli jew ma jkunx, fi żmien tletin jum, osserva d-dmirijiet li jirraporta jew dmirijiet oħra li jikkomunika.

(3) Applikant li jerġa jirraporta lill-Kummissarju wara deċiżjoni li l-eżami ma jissoktax ikollu d-dritt li jitlob li l-każ tiegħu jinfetaħ mill-ġdid fi żmien tliet xhur minn dik id-deċiżjoni, sakemm l-applikazzjoni ma titqiesx bħala applikazzjoni sussegwenti. Dik l-applikazzjoni issir bil-miktub u għandha issemmi r-raġunijiet b'appoġġ għal dik l-applikazzjoni.

(4) In-notifika ta' xi dokument marbut mal-proċedura ta' l-asil issir permezz tal-kunsinna personali lill-applikant għall-asil, ħlief li, meta dan ma jkunx possibbli, dik il-kunsinna issir fl-aħħar indirizz magħruf tiegħu jew titħalla mal-konsulent legali jew rappreżentant tiegħu.

Drittijiet tar-rifuġjati u tal-persuni mogħtija status ta' protezzjoni sussidjarja.

14. (1) (a) Minkejja d-disposizzjonijiet ta' xi liġi oħra kuntrarja, u minkejja xi ordni ta' deportazzjoni jew tneħħija, persuna dikjarata li hija rifuġjat jkollha d-dritt –

(i) mingħajr ħsara għad-disposizzjonijiet ta' l-artikoli 9 u 10 ta' l-Att, li tibqa' f'Malta bid-dritt ta' moviment ħieles, u li tingħata, kemm jista' jkun malajr, dokumenti personali, inkluż permess ta' residenza għal żmien tlett snin, li jistgħu jiġġeddu:

Iżda permess ta' residenza li għandu jingħata lil membru tal-familja jista' ikun validu għal anqas minn tliet snin u jista' jiġġedded;

(ii) sakemm ma tkunx taħt f'kustodja waqt li għaddejja minn proċeduri ġudizzjarji għax wettqet reat kriminali, jew tkun qed tiskonta perjodu ta' priġunerija, li tingħata Dokument ta' Ivvjaġġar tal-Konvenzjoni li jagħtiha l-jedd li tħalli u tiġi lura Malta mingħajr l-ħtieġa ta' visa;

(iii) li jkollha aċċess għall-programmi ta' impieg, għajnuna soċjali, akkomodazzjoni xierqa u ta' integrazzjoni, għall-edukazzjoni u taħriġ ta' l-Istat, u li tingħta kura medika ta' l-Istat speċjalment fil-każ ta' gruppi vulnerabbli ta' persuni;

(b) Persuna li tgawdi minn protezzjoni sussidjarja ikollha d-dritt –

(i) mingħajr ħsara għad-disposizzjonijiet ta’ l-artikoli 21 u 22 ta' l-Att, li tibqa' Malta bid-dritt ta’ moviment ħieles u li tingħata dokumenti personali, inkluż permess ta' residenza għal żmien ta’ sena, li jiġġedded;

(ii) li tingħata dokumenti li jagħtuha l-possibilità li tivvjaġġa speċjalment meta jinqalgħu raġunijiet gravi umanitarji li jinħtieġu l-presenza tagħha fi Stat ieħor, sakemm ma jitolbux xort'oħra r-raġunijiet qawwija tas-sigurtà nazzjonali jew l-ordni pubbliku;

(iii) li jkollha aċċess għall-programmi ta’ impieg, bla ħsara għal konsiderazzjonijiet tas-suq ta’ l-impiegi, benefiċċji bażiċi ta’ għajnuna soċjali, akkomodazzjoni xierqa u ta’ integrazzjoni, għall-edukazzjoni u taħriġ ta' l-Istat, u li tingħta kura medika bażika ta’ l-Istat speċjalment fil-każ ta' gruppi vulnerabbli ta' persuni;

(2) (a) Il-membri dipendenti tal-familja ta' persuna mogħtija status ta' rifuġjat, jekk ikunu Malta meta tingħata d-deċiżjoni jew jekk jingħaqdu magħha f'Malta, igawdu mill-istess drittijiet u benefiċċji bħar-rifuġjat b'mod li tista' tinżamm l-għaqda tal-familja.

(b) Il-membri dipendenti tal-familja ta' persuna mogħtija protezzjoni sussidjarja, jekk ikunu Malta meta tingħata d-deċiżjoni, igawdu mill-istess drittijiet u benefiċċji bħal-persuna li tgawdi mill-istatus tal-protezzjoni sussidjarja b'mod li tista' tinżamm l-għaqda tal-familja.

(3) Il-persuni mogħtija l-istatus ta' rifuġjat jew il-protezzjoni sussidjarja u li jitqiesu bħala persuni vulnerabbli għandhom, safejn possibbli, jingħataw kura xierqa ta' saħħa.

Minuri mhux akkumpanjati.

15. (1) Fir-rigward ta' minuri mhux akkumpanjat li jaqa' fi ħdan d-disposizzjonijiet ta’ l-artikolu 13(3) ta' l-Att, kemm jista' jkun malajr, u mhux aktar tard minn tletin jum minn meta tinħareġ ordni għall-ħarsien skond dak l-artikolu:

(a) għandu jiġi żgurat li r-rappreżentant maħtur tal-minuri mhux akkumpanjat jingħata l-opportunità li jgħarraf lill-minuri mhux akkumpanjat dwar it-tifsira u l-konsegwenzi possibbli ta’ l-intervista personali u, skond il-każ, kif jista' jħejji lilu nnifsu għall-intervista personali. Ir-rappreżentant għandu jkun preżenti għall-intervista u jista' jagħmel mistoqsijiet jew

jagħmel il-kummenti tiegħu fi ħdan il-qafas iffissat minn min imexxi l-intervista;

(b) meta minuri mhux akkumpanjat ikollu intervista personali dwar l-applikazzjoni tiegħu għall-asil, dik l-intervista titmexxa u d-deċiżjoni titħejja minn xi ħadd li jkollu l-għarfien meħtieġ tal-ħtiġiet speċjali ta' minuri;

(2) Jistgħu jitwettqu l-eżamijiet mediċi sabiex tinstab l-età tal-minuri mhux akkumpanjati fi ħdan il-qafas ta' kull applikazzjoni possibbli għall-asil.

Iżda:

(a) il-minuri mhux akkumpanjati jiġu mgħarrfa qabel l-eżami ta' l-applikazzjoni tagħhom għall-asil, u f'ilsien li huma raġonevolment mistennija li jifhmu, bil-possibilità li l-eta' tagħhom tista' tiġi stabbilita permezz ta' eżami mediku. Jidħol f'dan it-tagħrif dwar il-metodu ta' l-eżami u l-konsegwenzi possibbli tar-riżultat ta' l-eżami mediku għall-eżami ta' l-applikazzjoni għall-asil, kif ukoll bil-konsegwenzi tar-rifjut tal-minuri mhux akkumpanjat li jsirlu eżami mediku li fihom tista' tidħol iċ-ċaħda ta' l-allegazzjoni tiegħu li huwa minuri;

(b) il-minuri mhux akkumpanjati u r-rappreżentanti tagħhom jagħtu l-kunsens li jitwettaq l-iffissar ta' l-età tal-minuri in kwistjoni;

(ċ) id-deċiżjoni li tiġi miċħuda applikazzjoni minn minuri mhux akkumpanjat li irrifjuta li jsirlu dan l-eżami mediku m'għandhiex tkun ibbażata biss fuq dak ir-rifjut:

Iżda il-minuri mhux akkumpanjat li jkun irrifjuta li jsirlu dak l-eżami mediku ma jżommx lill-awtorità li tiddeċiedi milli tieħu deċiżjoni dwar l-applikazzjoni għall-asil u li l-aħjar interessi tal-minuri jkunu konsiderazzjoni primarja f'kull deċiżjoni bħal dik.

Il-Kummissarju Għoli.

16. Il-Kummissarju Għoli:

(a) ikollu aċċess għall-applikanti għal asil, inkluż dawk f'żoni ta' detenzjoni u f'żoni ta' transitu fil-mitjar u fil-port;

(b) ikollu aċċess għal tagħrif dwar l-applikazzjonijiet individwali għal asil, dwar it-tmexxija tal-proċedura u dwar id-deċiżjonijiet meħuda, meta l-applikant għall-asil jaqbel għaldaqstant;

(ċ) jista' jkun preżenti matul xi intervista u, li jagħti l-fehmiet tiegħu bil-miktub, fil-qadi tad-dmirijiet tiegħu taħt l-Artikolu 35 tal-Konvenzjoni, lejn xi awtoritajiet kompetenti fir-rigward ta' talbiet individwali għall-asil f'kull stadju tal-proċedura kif stabbilit mill-Kummissarju:

Iżda dawk id-drittijiet japplikaw għal organizzazzjoni li tkun qed topera f'Malta f'isem l-UNHCR bħala riżultat għal ftehim ma' Malta.

Valutazzjoni ta' pajjiż terz bħala sigur.

17. (1) Fid-deċiżjoni ta' l-applikazzjoni bħala inammissibbli minħabba li pajjiż jitqies bħala pajjiż terz sigur għall-applikant, skond l-artikolu 24 ta' l-Att, il-Kummissarju għandu:

(a) jiżgura li ma hemm ebda konnessjoni bejn l-applikant u l-pajjiż terz b'mod li l-applikant jista' raġonevolment jitqies li jista' jmur lejn dak il-pajjiż;

(b) jiżgura li n-nuqqas ta' periklu tal-pajjiż terz jiġi valutat fuq bażi individwali, meta titqies xi analiżi magħmula minn għaqdiet internazzjonali ta' fama li jistgħu jkunu disponibbli minn żmiem għal żmien, inkluż l-uffiċċju tal-Kummissarju Għoli tan-Nazzjonijiet Uniti għar-Rifuġjati:

Iżda l-applikant ikun jista' jappella mill-inammissibilità ta' l-applikazzjoni fuq bażi tal-pajjiż terz sigur jekk jista' juri li, jekk jintradd lura lil dak il-pajjiż, huwa jġarrab tortura, trattament jew kastig krudili, inuman jew degradanti.

(2) Fit-teħid tad-deċiżjoni imsemmija fis-subregolament (1), il-Kummissarju għandu:

(a) jgħarraf lill-applikant bid-deċiżjoni tiegħu;

(b) jagħtih dokument li jgħarraf lill-awtoritajiet tal-pajjiż terz, f'ilsien ta' dak il-pajjiż, li l-applikazzjoni ma ġietx eżaminata fis-sustanza.

(3) Meta l-pajjiż terz ma jħallix lill-applikant jidħol fit-territorju tiegħu, il-Kummissarju għandu jiżgura li l-applikant ikollu aċċess għall-proċedura għall-eżami ta' l-applikazzjoni tiegħu skond l-Att jew dawn ir-regolamenti.

Valutazzjoni tar-raġunijiet tal-persekuzzjoni għall-għoti ta' status ta' rifuġjat.

18. Meta jikkunsidra applikazzjoni għal status ta' rifuġjat, fil-valutazzjoni tal-biża' tal-persekuzzjoni, il-Kummissarju għandu jikkunsidra l-aspetti li ġejjin:

(a) il-kunċett tar-razza b'mod partikolari, għandu jidħol fih konsiderazzjonijiet ta' kulur, nisel, jew sħubija f'xi grupp etniku partikolari;

(b) jidħol b'mod partikolari fil-kunċett tar-reliġjon, it-tħaddin ta' twemmin tejistiku, mhux tejistiku u ta' ateu, is-sehem fi jew nuqqas mill-adorazzjoni formali fil-privat jew fil-pubbliku, kemm wieħed waħdu jew f'komunità ma oħrajn, atti oħra reliġjużi jew espressjonijiet ta' fehma, jew forom ta' aġir personali jew ta' komunjoni msejsa fuq jew ordnati minn xi twemmin reliġjuż;

(ċ) il-kunċett ta' nazzjonalità m'għandux ikun limitat għaċ-ċittadinanza jew in-nuqqas tagħha iżda b'mod partikolari għandu jidħol fih is-sħubija fi grupp stabbilit bl-identità tiegħu kulturali, etnika, jew lingwistika, oriġini komuni ġeografika jew oriġini politika jew ir-rabta tiegħu mal-poplu ta' Stat ieħor;

(d) grupp jitqies li jagħmel parti minn grupp soċjali partikolari meta b'mod partikolari:

(i) il-membri ta' dak il-grupp jaqsmu karatteristika sa mit-twelid, jew sfond komuni li ma jistax jinbidel, jew jaqsmu karatteristika jew twemmin li jkunu tant fundamentali għall-identità jew kuxxjenza li persuna m'għandhiex tiġi imġiegħelha tirrinunzja għaliha, u

(ii) dak il-grupp ikollu identità distinta fil-pajjiż rispettiv, għaliex iħarsu lejh bħala differenti mis-soċjetà ta' madwaru; u

(iii) skond iċ-ċirkostanzi fil-pajjiż ta' oriġini, jaf jidħol f'grupp soċjali partikolari grupp ibbażat fuq karatteristika komuni jew tendenza sesswali. It-tendenza sesswali ma tistax tiftiehem bħala li jidħlu fiha atti meqjusa bħala kriminali f'Malta; l-aspetti marbuta mas-sess jistgħu jitqiesu mingħajr ma fihom innfushom biss joħolqu preżunzjoni sabiex japplika dan is-subparagrafu;

(e) jidħlu b'mod partikolari fil-kunċett tal-fehma politika t-tħaddin ta' fehma, ħsieb jew twemmin dwar xi ħaġa marbuta ma' l-atturi potenzjali tal-persekuzzjoni li jinkludu l-Istat, partiti jew għaqdiet li jikkontrollaw l-Istat jew parti konsiderevoli tat-territorju ta' l-Istat u atturi mhux ta' l-Istat jekk jista' jintwera li l-atturi l-oħra ma jistgħux jew ma jridux jagħtu protezzjoni kontra l-persekuzzjoni jew dannu gravi, u mal-politika jew metodi tagħhom, kemm jekk dawk il-fehma,

ħsieb jew twemmin ikunux ġew ipprattikati jew le mill-applikant.

(2) Fil-konsiderazzjoni ta' jekk applikant għandux biża' fondata tajjeb li jiġi persegwitat, huwa immaterjali jekk l-applikant fil-fatt ikollux il-karatteristika razzjali, reliġjuża, nazzjonali, soċjali jew politika li tiġbed lejha il-persekuzzjoni, b'dan, li dik il-karatteristika tiġi attribwita lill-aplikant mill-attur tal-persekuzzjoni.